MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2006

Appell Civili Numru. 607/2005/1

**Atlas Insurance Limited, *de proprio* kif ukoll kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Michael Attard Limited**

**vs**

**Sullivan Maritime Ltd., bhala agent tas-socjeta` estera Atlantica SpA di Navigazione, armatur u jew noleggjatur tal-bastiment "M. V. Eurostar Valencia", u The Cargo Handling Co. Ltd.**

**Il-Qorti,**

Fid-9 ta' Gunju, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fl-4 ta' Marzu, 2005 fejn is-socjeta' attrici qed titlob il-

kundanna tas-socjetajiet konvenuti (jew min minnhom) ghar-risarciment ta' danni fl-ammont komplessiv ta' erba' mija sebgha u ghoxrin lira (Lm427.00) in kwantu ghal erba' mija u hmistax-il lira Maltija (Lm415) li sbursat a favur l-assikurat taghha Michael Attard Limited bhala indennizz (ghal liema hlas is-socjeta` attrici kienet debitament surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha) u in kwantu ghal tnax-il lira Maltija (Lm12.00) li sborsat bhala "survey fees" u dan wara li s-socjeta` assikurata garrbet hsara fi tlett (3) vetturi Peugeot minn konsenja ta' sitt (6) vetturi Peugeot li waslu Malta fit-23 ta' April, 2004 fuq il-bastiment "M.V.Eurostar Valencia", ghal liema nuqqas u hsara kienu responsabbli s-socjetajiet konvenuti – jew min minnhom (Dok.ZM1 sa Dok.ZM7).

Oltre d-danni, s-socjetajiet' konvenuti (jew min minnhom) ghandhom ihallsu l-ispejjez tal-kawza flimkien mal-imghax legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz sad-data tal-effettiv pagament.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited prezentata fit-12 ta' Frar, 2005, fejn intqal:

1. Illi jinkombi fuq is-socjeta' attrici li tipprova illi l-allegati nuqqasijiet sehhew waqt li l-merkanzija de quo kienet taht il-kontroll effettiv u supervizjoni assoluta tas-socjeta' eccipjenti u li l-istess merkanzija giet konsenjata lilha minghajr l-istess nuqqasijiet.
2. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv u ghalhekk huwa kontestat;
3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra r-risposta prezentata fid-29 ta' Marzu, 2005, mis-socjeta` konvenuta Sullivan Maritime Ltd fejn intqal:

i. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha, u dana stante illi s-socjeta` konvenuta mhix responsabbli ghad-danni reklamati mis-socjeta` attrici, u dana minhabba li

hija qdiet l-obbligi taghha kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

ii. Illi s-socjeta` attrici ghandha ggib prova tas-surroga moghtija a favur taghha.

iii. Illi t-talba in konnessjoni mas-“survey fees” ghandha tigi michuda stante li m’hemm l-ebda prova tal-istess.

iv. Illi inoltre l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici huwa eccessiv.

v. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema’ x-xhieda ta’ Peter Saliba, Peter Bonello, Christian Gravino, John Falzon. Il-partijiet qablu li tigi esebita x-xhieda ta’ Joseph Piccinino moghtija fil-kawza fl-istess ismijiet quddiem il-Qorti tal-Magistrati Avv. 570/2004DM. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ra n-nota tas-socjeta` attrici prezentata fl-10 ta’ Novembru, 2005 li permezz taghha cediet l-atti tal-kawza limitatament fil-konfront tas-socjeta` The Cargo handling Co. Ltd., stante transazzjoni.

Ikkunsidra:

1. Is-socjeta’ attrici istitwiet din il-kawza sabiex tithallas l-ammont li sbursat ghall-assikurat taghha Michael Attard Limited ghal hsarat fi tlett vetturi Peugeot.

2. Jirrizulta illi l-vettura li l-aktar li garrbet hsara kienet dik bin-numru tac-chassis 96085778, li kellha hsara fis-saqaf, apparti l-“pigeon droppings”, u dana kif jirrizulta mid-Dok.ZM3 u ZM4 u d-Dok.CG1. It-tally clerk Cristiano Gravino, jikkonferma li din il-vettura, meta nislet minn fuq il-vapur, kellha l-hsara ndikata.

3. Ma hemmx dubbju li s-socjeta` konvenuta Sullivan Martime kienet responsabbli ghall dak li gara, kif ukoll

ghall-ispejjez ta din il-kawza peress li ma ghaddietx it-tally sheets lis-socjeta` attrici.

4. Il-polza ta' karigu, Dok.ZM1, tindika li meta tghabbiet il-merkanzija ma kienx hemm ebda danni.

5. Ghalhekk jirrizulta li meta l-agenti ghabbew il-merkanzija fuq il-vapur ma kienx hemm danni u dana huwa evidenti mill-clean bill of lading. Jirrizulta illi meta waslet il-merkanzija u qabel ma ghaddiet fil-kustodja tas-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd, sar joint tally u gew riskontrati danni. Ghalhekk hija s-socjeta' konvenuta Sullivan Maritime Ltd li ghandha taghmel tajjeb ghad-danni.

6. Id-danni jirrizultaw fl-ammont indikat skond d-Dok.ZM6.

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri fil-konfront tas-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd, qed isb lis-socjeta' konvenuta Sullivan Maritime Ltd responsabbli ghall-hsarat imsemmija kif fuq inghad, jikkundanna lis-socjeta' konvenuta Sullivan Maritime Ltd fil-kwalita` taghha premessa thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u sebgha u ghoxrin lira Maltija (Lm427.00), bl-imghax legali dekorribbli mis-17 ta' Marzu, 2005 sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopporatati nterament mis-socjeta' konvenuta."

Bl-appell minnha introdott is-socjeta` konvenuta Sullivan Maritime Ltd tiddenunzja l-vizzju tas-sentenza moghtija mit-Tribunal bl-aggravju illi l-konkluzjoni, li sabitha responsabbli ghall-hsarat, hi wahda errata;

Skond l-*iter* segwit mit-Tribunal fil-valutazzjoni tal-provi f' dan il-kaz jinghad illi la sar *joint tally* u gew riskontrati danni qabel ma l-vetturi ghaddew in konsenja ghand il-

Cargo Handling, *ergo*, ghad-danni ghandha tirrispondi s-socjeta` appellanti. Bir-rispett kollu din il-Qorti hi tal-fehma illi analisi korretta ta' l-elementi kollha tal-provi turi l-inkongruwenza u l-illogicita` ta' din il-motivazzjoni;

Huwa ormaj ben assodat ill l-*joint tally* ghandu l-iskop li jigi kkontrollat ahjar l-istat u l-kondizzjoni tal-merkanzija fil-mument li jsir it-trapass taghha mill-vapur lil Cargo Handling. Ir-rimarki negattivi dwar l-istat tal-merkanzija registrati fuq it-Tally Sheet, taht is-sottoskrizzjoni tat-*tally clerks* tal-vapur u tal-Cargo Handling, taghmel dimarkazzjoni sa fejn tieqaf ir-responsabilita` tal-wiehed u tibda dik ta' l-iehor. Il-*joint tally* allura kellu jitqies prova deciziva tal-kondizzjoni tal-merkanzija meta din tigi skarikat minn fuq il-vapur. Naturalment, ghall-importatrici li ma ppartecipax fil-*tallying* l-*joint tally* ma jistax jaghmel prova konkluziva in kwantu ghalih il-mument fokali hu dak meta hu jaghmel is-*survey* tieghu u jirtira l-merkanzija;

Jidher inkontestat illi l-hsarat li ghalihom is-socjeta` assiguratrici attrici qed titilob ir-rimbors ta' l-ammont li erogat, fil-fatt sehhu. Ir-ricerka li riedet issir hi dwar min mis-socjetajiet imharrka kellha twiegeb ghal dawn il-hsarat u cjoe jekk hijiex is-socjeta` konvenuta, agenti tas-sidien tal-vapur, jew il-Cargo Handling, jew, ukoll, it-tnejn;

Skond id-dokumenti tas-Survey (fol. 4 u 5) jirrizulta li kien hemm hsarat fi tliet vetturi Peugeot u cjoe dawk bic-*chassis numbers* 96085773 (*pigeon droppings on front of car*), 96085777 (*dent on left middle door and left rear wing*) u 96085778 (*very badly damaged roof and front of car full of pigeon droppings*). Tali Survey gie kondott fix-*shed* f' Deep Water Quay (ara xhieda tas-*surveyor* John Falzon). Minn naha l-ohra t-Tally Sheet (fol. 25), li hu accettat li kienet wahda *joint* (ara xhieda ta' Christian Gravina *tally clerk* ghall-vapur, fol. 33 u dik ta' Peter Bonello, rapprezentant tal-Cargo Handling, fol. 36), turi li mill-hmistax-il vettura tal-marka Peugeot skarikati minn fuq il-vapur "m. v. Eurostar Valencia" kien hemm vettura

wahda (*chassis number* 778) li kellha "*roof marked*". Dan it-*tallying* sar fil-mument li l-vetturi kienu nezlin minn fuq ir-rampa tal-vapur;

Ghall-ikkompletar tal-kwadru tal-fatti rilevanti ghandha ssir riferenza ghall-Invoice (fol. 8) rilaxxjata mid-ditta importatrici. Fiha jinghad b' referenza ghall-vettura bic-*chassis* numru 96085778 illi l-ispiza relattivi ta' mija u tletin lira kienet relatata ghal-*spray* biex jigu rimossi t-tbajja kagonati minn "*pigeon droppings*";

Mill-fatti premessi din il-Qorti hi sodisfatta illi:-

(1) Id-danni reklamati mis-socjeta` assiguratrici attrici kienu riskontrati waqt is-*survey* kondott meta l-vetturi kienu fix-*shed* taht il-kontroll tal-Cargo Handling u allura fil-mument ta' qabel ma l-importatur ha konsenja taghhom;

(2) Il-*joint tally*, kien wiehed attendibbli. Hlief ghal hsara fis-saqaf ta' vettura bin-numru li jispicca 778, id-danni l-ohra verifikati fis-*survey* ma kienux jezistu meta l-vetturi kienu qeghdin jigu zbarkati minn fuq il-vapur;

(3) Jikkonsegwi illi dawk il-hsarat l-ohra ma setghux hlief sehhew fil-mument meta l-vetturi kienu fil-kustodja u taht il-kontroll tal-Cargo Handling;

(4) Anke, pero` fir-rigward tal-hsara kkonstatata fis-saqaf tal-vettura 778, l-Invoice turi illi ebda riparazzjoni ma giet effettwata f' dan ir-rigward u allura ebda indenniz ma sar in meritu mis-socjeta` assiguratrici attrici lill-importatur, assigurat taghha;

Fil-kumpless ta' dawn ic-cirkustanzi, it-Tribunal kien messu ghamel riferenza ghall-assjem tal-provi prodotti u jipprovdi ragonament xieraq il-ghala kien qed jaccetta prova wahda u jiskarta ohra. Hu kellu per ezempju jikkoncentra fuq il-validita` u l-portata tat-Tally Sheet

esebita in kwantu dan id-dokument kien iservi ta' certifikat probatorju sostanzjali ghad-difiza tas-socjeta` appellanti *nomine* dwar l-istat u l-kondizzjoni tal-vetturi meta dawn ghaddew mill-pussess taghha fil-kontroll tas-socjeta` Cargo Handling. Hekk ukoll huwa kellu jaghmel raffront bejn id-danni rilevati mill-istess Tally Sheet fil-vettura 778 u l-Invoice tas-socjeta importatrici fir-rigward tar-riparazzjonijiet li saru, u, allura, ukoll, tal-kumpens li din irceviet minghad is-socjeta` assiguratrici attrici;

Fir-rifless ta' dawn ir-riljievi, kellu jinghad li l-motivazzjoni fis-sentenza appellata hi wahda ghal kollox illogika u ma tiggustifikax fuq il-valutazzjoni tal-provi, il-konkluzjoni raggunta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u b' hekk thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fil-konfront tas-socjeta` konvenuta appellanti, agent ta' l-armaturi/noleggjatur tal-vapur, bl-ispejjez taz-zewg istanzi a karigu tas-socjeta` assiguratrici attrici appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------